**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 50/2023 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**(Spettur Omar Zammit)**

**vs**

**AB**

**Illum 28 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **AB**,

Akkużat talli

1. Talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-siehba tieghu u cioe' CD f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq is-siehba tieghu CD hekk kif iccertifikat minn Dr. Carina Debattista (Med Reg 3964) liema reat sar b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez.

2. Talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, ikkawza lis-siehba tieghu u cioe' CD biza li se tintuza xi vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti taghha.

3. Talli ikkaguna lill-eks siehba tieghu u cioe' CD, fastidju ghal iktar minn darba u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li qed ikun ta' fastidju ghall-eks siehba tieghu CD.

4. Talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku, ghamel reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba k-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra AB a beneficcju ta' CD u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-allegata vittma CD kif jew sabiex tinzamm il-Bon Ordni pubblika, flimkien mal-pierna applikabbli ghar-reat, torbot lil AB billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil AB b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi AB sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-

esperti, jekk ikun il-kaz, kif ipprovdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjali Prosekuturi qraw u ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament fis-seduta datata 22 ta' Marzu 2023.

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2025 u wara li l-Qorti tat lill-imputat żmien biex l-imputat jerġa' jikkontempla l-ammissjoni tiegħu kif ukoll biex jekk irid jerġa' jkellen lill-avukat tiegħu. L-imputat wara li reġa' ġie mistoqsi ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li l-Qorti ma kelliex għalfejn taħli iżjed ħin tiġbor il-provi u setgħet tgħaddi għas-sentenza u inoltre wara li qed tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u l-fedina penali netta u nadifa ta' l-imputat tħoss li ordni ta' probation tkun aktar idoneja fiċ-ċirkostanzi.

**Decide:**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 221(2), 217, 222(1)(a), 202(h)(vi)(j), 251(3), 251H(a), 251HA, 251A, 251H(b), 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fuq ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieħu u tapplika l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tqiegħed lill-imputat taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum u timponi ordni ta' trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u todna li l-imputat bl-ebda mod ma jkellem jew jikkomunika ma' CD għal żmien tlett (3) snin il-lum.**

**Inoltre in vista tal-verbal magħmul illum u in vista tal-fatt li dan il-każ si tratta ta' natura personali ħafna u in vista tal-fatt li ormaj il-ħati u CD ilhom li temmew ir-relazzjoni ta' bejniethom, il-Qorti tingħaqad mal-prosekuzzjoni u tirrakomanda**

**lill-Kummissarju tal-Pulizija juża' d-diskrezzjoni tiegħu u fiċ-ċirkostanzi jikkunsira iżomm fl-impjieg tiegħu lil AB.**

**Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-partijiet f'din il-kawża in vista tan-natura personali tal-każ.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**